MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 77/2006

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Natasha Balzan**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Marzu tas-sena 2006 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, mitejn u sitta u disghin Lira Maltin u sebghin centezmu, (LM3,296.70,0), liema somma hija dovuta bhala bilanc fuq kont bankarju ta' self u bilanc fuq kont tal-Visa;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 13 ta’ lulju tas-sena 2004, kontra l-intimata illi hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-konvenuta datata t-30 ta’ Marzu tas-sena 2006 li permezz taghha ammettiet it-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta;

Illi in vista tal-premess tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta Natasha Balzan thallas lis-socjeta’ attrici HSBC Bank Malta p.l.c. l-ammont ta’ tlett elef, mitejn u sitta u disghin Lira Maltin u sebghin centezmu, (LM3,296.70,0), kif dedotta, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mill-ittra ufficcjali datata t-13 ta’ Lulju tas-sena 2004.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------